# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.
## MAGISTRAT

## Rikors Numru: 168/2020 RM

## Melita Manufacturing Company Ltd (C 6593)

## -Vs-

## Hush Limited (C-59457)

**Illum, 15 ta' Diċembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Melita Manufacturing Limited fl-10 ta' Settembru 2020 fir-Reġistru tal-Qorti talbet illi s-soċjeta' konvenuta Hush Limited tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' disat elef, erbgha mija u erbgha erbghin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€9,444.55), liema somma tinkludi l-VAT, u rapprezentanti bilanc, minn somma akbar, pendenti u dovuta lis-socjeta` esponenti bhala pagamenti ghal-servizzi rezi lilha fuq talba taghha stess u dan skont kif jirrizulta mill-istatement datata 13 ta' Lulju 2020, liema statement qed jigi hawn anness u mmarkat bhala dok "A". Illi hija qeghdha tirrifjuta li thallas dan il-bilanc minghajr ebda raguni valida la fil-fatt u lanqas fil-ligi.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-prezenti, kif ukoll dawk tal-Ittra Ufficjali fl-ismijiet premessi datata 15 ta' Lulju 2020 (Ittra Nru 1277/2020) kif ukoll il-mandat ta' sekwestru datat il-15 ta' Lulju 2020 (Mandat Nru 811/2020) u bl-oghla rata ta' imghax permessibbli bil-ligi mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2021 ġie ordnat it-tħassir tal-kawża minn fuq il-lista ai termini tal-Artikolu 199 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' April 2021 laqgħet it-talba tas-soċjeta' attriċi għar-riappuntament tal-kawża a tenur tal-Artikolu 199(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ordnat li l-kawża tiġi riappuntata għas-seduta tal-20 ta' Mejju 2021;

Rat illi s-soċjeta' konvenuta ġiet notifikata bil-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni skont kif kien ġie awtorizzat permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Ottubru 2020, bl-aħħar pubblikazzjoni sseħħ fl-20 ta' Settembru 2021;

Rat illi madanakollu, minkejja li ġiet debitament notifikata, is-soċjeta' konvenuta baqgħet deheritx quddiem il-Qorti biex tikkontesta l-kawza u lanqas ma ppreżentat ebda risposta in linea ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi;

Rat ukoll illi s-soċjeta' konvenuta minkejja li ngħatat l-opportunita` li tressaq il-provi tagħha fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2021, naqset milli taghmel dan;

Semghet ix-xhieda ta' Emanuel Lautier fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2021;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza kienet imhollija ghal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi ghalkemm is-soċjeta' konvenuta, debitament notifikata bir-Rikors promotur u l-avviz tas-smigh tal-kawza, baqgħet ma ppreżentatx risposta u lanqas dehret quddiem il-Qorti biex tikkontesta t-talba tas-soċjeta' attriċi kif dedotta fir-Rikors promotur, dan ma jfissirx li t-talba attriċi ġiet ippruvata jew li għandha tintlaqa'. Kif inhu risaput, in-nuqqas ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi ma jitqiesx li hija ammissjoni tal-istess talba iżda jitqies li huwa kontestazzjoni fiha nnifisha u konsegwentment, jibqa' jinkombi fuq l-attur l-oneru li jipprova l-kaz tieghu fil-grad probatorju mehtieg mil-liġi fil-kamp ċivili, ċioe` li jikkonvinċi lill-Qorti li fuq il-preponderanza tal-provi, il-kaz huwa ppruvat fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet.

Emanuel Lautier, li jieħu ħsieb l-operat tas-soċjeta' attriċi u r-relazzjonijiet mal-klienti tagħha, xehed quddiem il-Qorti[1] u spjega illi l-ammont reklamat f'din il-kawża jirrappreżenta l-prezz ta' xogħolijiet reżi lis-soċjeta' konvenuta fuq talba tagħha fis-sena 2020, speċifikatament il-manifattura u fornitura ta' xogħol *customised* ta' aperturi tal-aluminium, mirja, stainless steel, ħġieġ u ħadid li ġew istallati fl-istabbiliment ġewwa Portomaso. Huwa spjega illi għalkemm ix-xogħol sar skont kif mitlub mis-soċjeta' konvenuta abbażi tal-istima li ngħatat u skont kuntratt li ġie konkluż, u ma kien hemm l-ebda ilmenti fir-rigward da parti tagħha, u għalkemm għamlet xi pagamenti akkont tal-ammont fatturat, hija baqgħet ma ħallsitx il-bilanċ li kien fadal. Xehed ukoll li sussegwentement, is-soċjeta' konvenuta talbet permezz ta' ittra legali li tħallas biss parti mill-bilanċ li kien għadu dovut u dan a saldu tal-valur totali tax-xogholijiet li kienu saru.

[1] Xhieda tat-18 ta' Novembru 2021.

Għalkemm din it-talba ma ġietx aċċettata mis-soċjeta' attriċi għaliex ma ngħatat l-ebda raġuni valida u fi kwalsiasi każ din it-talba ma kienetx ġustifikata, is-soċjeta' konvenuta għaddiet biex għamlet pagament akkont rappreżentanti ċirka tletin fil-mija (30%) tal-bilanċ li kien għadu pendenti u baqgħet ma ħallset xejn iktar. Ġie konfermat illi l-bilanċ dovut huwa fis-somma ta' €9,444.55 kif indikat fl-*istatement of account* anness mar-Rikors promotur[2] u li sal-lum, dan l-ammont għadu dovut lis-soċjeta' attriċi.

Dawn il-provi ma ġewx kontradetti mis-soċjeta' konvenuta li, kif ingħad, baqgħet ma ressqet l-ebda provi u fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi s-soċjeta' ressqet provi sodisfaċjenti u suffiċjenti li jikkonvinċu lill-Qorti fil-grad meħtieġ fil-kamp ċivili, illi l-ammont reklamat minnha ta' €9,444.55, huwa dovut mis-soċjeta' konvenuta.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta HUSH LIMITED tħallas lill-istess soċjeta' attriċi is-somma ta' disat elef erba' mija u erbgħa u erbgħin Euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€9,444.55) għar-raġunijiet indikati fir-Rikors promotur, bl-imghax kif mitlub.**

**L-ispejjeż kif mitluba fl-istess Rikors promotur jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[2] Immarkat "A" a fol. 2.